

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.11257 — ONE ROCK CAPITAL PARTNERS / CONSTANTIA)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 332/07)

1. Fil-11 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- One Rock Capital Partners LLC ("ORC", l-Istati Uniti),
- Constantia Flexibles GmbH ("Constantia", l-Awstrija), ikkontrollata kollha kemm hi minn fondi ġestiti minn affiljati ta' Wendel SE.

ORC se takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tat-totalità ta' Constantia.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- ORC hija ditta ta' ekwità privata li tiffoka fuq investimenti ta' ekwità b'ishma ta' kontroll f'kumpaniji tas-suq medju. L-ORC timmaniġġja fondi li jinvestu f'kumpaniji ta' portafoll li joperaw f'diversi industrij, inklużi s-sustanzi kimiċi u l-proċessi, il-manifattura u l-kura tas-saħħa ta' speċjalità, il-manifattura u d-distribuzzjonijiet tal-ikel, u s-servizzi kummerċjali u ambjentali.
- Constantia hija produttur u fornitur globali ta' soluzzjonijiet flessibbli tal-imballaġġ. Il-portafoll tal-prodotti tagħha jinkludi soluzzjonijiet flessibbli għall-imballaġġ għal prodotti bħal ikel, prodotti tal-ħalib, ikel għall-annimali domestiċi u prodotti għall-kura personali, prodotti farmaċewtiċi u mediċi, kif ukoll xorb.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11257 — ONE ROCK CAPITAL PARTNERS / CONSTANTIA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: <mailto:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu>

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---